**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-25 ta' Mejju 2017 (Każ R 1870/2016-1) hija annullata.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

---

([1]) ĠU C 338, 9.10.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2019 — All Star vs EUIPO — Carrefour Hypermarchés (Forma ta' pett ta' żarbun)**

**(Kawża T-611/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea — Forma ta' pett ta' żarbun — Fatti magħrufa — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001) — Karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) u Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 59(2) tar-Regolament 2017/1001) — Ċaħda tat-talba għaż-żamma ta' seduta quddiem il-Bord tal-Appell — Artikolu 77 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 96(1) tar-Regolament 2017/1001)")***

(2019/C 172/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* All Star CV (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Kunze, G. Würtenberger, avukati u S. Malynicz, QC)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Carrefour Hypermarchés (Évry, Franza) (rappreżentant: C. Verneret, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Ġunju 2017 (Każ R 952/2014-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Carrefour Hypermarchés u All Star.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *All Star CV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 374, 6.11.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' April 2019 — United Wineries vs EUIPO — Compañía de Vinos Miguel Martín (VIÑA ALARDE)**

**(Kawża T-779/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali VIÑA ALARDE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti 'ALARDE' — Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Identità tal-prodotti — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament 2017/1001)")***

(2019/C 172/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* United Wineries, SA (Cenicero, Spanja) (rappreżentant: J. Oria Sousa-Montes, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u J. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Compañía de Vinos Miguel Martín, SL (Cigales, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Settembru 2017 (Każ R 281/2017-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Compañía de Vinos Miguel Martín u United Wineries.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *United Wineries, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 42, 5.2.2018.